**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Anthony Spiteri u martu Josephine

*versus*

Carmel Curmi u martu Maria Dolores

**Artikoli 185, 187 u 188 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili - Notifika - Regolarità ta' - Validità**

*Appell minn digriet ta' l-Ewwel Qorti li sabet in-notifika regolari. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-digriet ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti konjuġi Curmi li bih esponew:

"Illi l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom talbu li jiġu ordnati jwaqqgħu saqaf tal-konkos mibni fil-bitħa tagħhom u li jneħħu l-komunikazzjonijiet tad-drenaġġ bejn il-garaxx 40, Triq Ġużè Pace, il-Ħamrun u 72 Triq il-Lunzjata, St. Venera;

Illi l-kawża ġiet appuntata għas-seduta tat-8 ta' Lulju, 1997, u filwaqt li l-konvenut Carmel Curmi ġie regolarment notifikat, ir-riferta tal-marixxal ma ndikat ebda notifika tal-konvenuta Maria Dolores Curmi, fil-fatt hemm biss riferta li tgħid: Innotifikajt lil Carmel Curmi *et* billi ħallejtha f'idu personali;

Illi l-esponenti sostnew fis-seduta msemmija li l-konvenuta ma ġietx notifikata regolarment; il-Qorti wara li kienet se ttellagħha tixhed, fuq opposizzjoni tad-difensur tagħhom, iddikjarat li hija ma ġietx notifikata regolarment u f'dan il-punt huma talbu permess jappellaw minn dan id-digriet liema talba ġiet milqugħa u għalhekk qed jagħmlu dan permezz ta' dan ir-rikors;

Illi l-aggravju tagħhom hu ċar u manifest għaliex il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħmilha ċara fl-artikoli 185, 187 u 188 illi kull konvenut għandu jiġi nnotifikat

separatament u jsegwi skond l-istess artikoli illi għandu jkun hemm riferti daqskemm ikun hem konvenuti (notifikati jew le);

Infatti l-artikolu 185 jgħid:

"meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn min-nies jew iżjed, ukoll jekk jgħixu fl-istess indirizz, kull wieħed minnhom għandu jiġu nnotifikat b'kopja ta' din l-iskrittura";

L-artikolu 188 jagħmilha ċara illi r-riferta għandha ssir l-aktar tard l-għada tan-notifika u din ir-riferta għandha:

"... turi l-isem u l-kunjom tal-persuna notifikata";

Isegwi għalhekk illi għandha ssir riferta għal kull notifika u din għandu jkollha l-partikolaritajiet indikati fl-aħħar artikolu ċitat; dan pależament ma sarx fil-każ odjern";

Imbagħad l-appellanti talbu r-revoka tad-digriet ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Lulju, 1997, billi din il-Qorti tiddikjara l-konvenuta Maria Dolores Curmi mhux notifikata għal kull fini legali u tordna li tiġi nnotifikata skond il-liġi "bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-konvenuti (*sic*) illi huma nġunti għas-subizzjoni";

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati li tinqara hekk:

"Illi fl-ewwel lok in-nullità tar-rikors ta' l-appell stante li ma ġietx segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi *ai termini* ta' l-artikolu 229 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, stante illi l-permess biex jiġi ntavolat appell minn digriet ta' l-Ewwel Qorti seta' biss jintalab permezz ta' rikors fi żmien

sitt ijiem mil-jum meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuħ;

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-digriet mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ġust u jimmerita konferma;

Illi l-proċedura rikjesta mill-artikoli 185 ġiet segwita regolarment u dan għaliex ħarġu żewġ notifiki waħda għal kul konvenuta. Fil-fatt ir-riferta tal-marixxal tindika illi ġiet notifikata iktar minn persuna waħda bil-kliem "Innotifikajt lil Carmel Curmi *et*". Illi kieku stess il-konvenuta l-oħra ma kinitx innotifikata kieku l-marixxal ma kienx jinkludi l-kliem "ET" fir-riferta tiegħu;

Illi, bir-rispett kollu, l-konvenuti appellanti kkwotaw dik il-parti ta' l-artikolu 188 li kienet tinteressa lilhom l-aktar għaliex l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi tgħid testwalment: "l-uffiċjal inkarigat min-notifika ta' att għandu, fl-istess ġurnata li fiha jinnotifika jew li fiha jipprova bla suċċess li jinnotifika l-att, jew, l-aktar tard, il-għada, jagħmel riferta li turi jekk in-notifika saritx jew le. Fl-affermattiv, ir-riferta għandha turi l-isem u l-kunjom tal-persuna notifikata u, jekk l-att ma jkunx innotifikat direttament lill-persuna li lilha kellha ssir in-notifika, l-isem u l-kunjom";

Illi mill-atti jirriżulta illi r-riferta saret u r-riferta tindika b'mod ċar u inekwivoku illi ż-żewġ konvenuti ġew innotifikati, tant hu hekk illi għall-ewwel dehra quddiem il-Qorti kienu ż-żewġ konvenuti illi dehru u mhux Carmel Curmi waħdu. Kieku stess il-konvenuta ma kinitx notifikata billi ma kinitx tidher għas-seduta quddiem il-Qorti. Inoltre, meta l-Qorti talbet lill-konvenuta titla' tixhed hija rrifjutat appuntu għaliex hija fil-fatt kienet irċeviet il-kopja taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smigħ tal-kawża u kienet dehret quddiem il-Qorti fil-ġurnata stabbilita;

Illi finalment, l-artikolu 187 tal-Kap. 12 jindika b'mod ċar kif għandhom isiru n-notifiki. "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura tkun innotifikata jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar. F'dan il-każ il-kopja taċ-ċitazzjoni tħalliet f'idejn ir-raġel tal-konvenuta Carmel Curmi u allura dik in-notifika hija valida. Illi aktar 'il quddiem fil-każijiet fejn notifika tkun tħalliet f'idejn persuna taħt l-età jew inkapaċi, il-liġi, fl-istess disposizzjoni tkompli tgħid illi "in-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala waħda irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun wasslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata". Aħseb u ara kemm tista' tiġi attakkata f'każ bħal dan minn fejn jidher ċar u tond, l-ewwelnett mill-fatt illi l-konvenuta dehret għall-appuntament quddiem il-Qorti, illi l-kopja taċ-ċitazzjoni fil-fatt kienet waslet f'idejha. L-atturi appellati f'dan l-istadju jagħmlu referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992, fl-ismijiet **Carmelo Aquilina *vs* Lawrence Ciantar *nomine***, kif ukoll dik mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fl-ismijiet **Alfred Cachia *noe vs* Salvino Sullivan *noe et***, deċiża fis-27 ta' April, 1987, fuq il-validità o meno ta' notifika;

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti l-appell tal-konvenuti appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom";

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 1997, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jirriżulta li qamet il-kwistjoni jekk il-konvenuta kinitx ġiet innotifikata. Filwaqt li Dottor Edwina

Chetcuti għall-atturi ssottomettiet li mir-riferti *a tergo* tal-folji 5 u 6 tal-proċess tirriżulta ċar in-notifika kemm tal-konvenut Carmel Curmi kif ukoll tal-konvenuta martu, Maria Dolores Curmi. Dottor Joseph Azzopardi għall-konvenuti ssottometta li m'hemmx riferta separata ta' Maria Dolores Curmi. Il-Qorti mbagħad stiednet lil Maria Dolores Curmi biex tixhed dwar jekk hiex notifikata, iżda Dottor Azzopardi difensur tagħha kien oġġezzjoni għal dan. Il-Qorti ddikjarat li tqis in-notifikata bħala regolari u Dottor Azzopardi talab li jappella mid-digriet. Il-Qorti laqgħet it-talba u ddiferiet il-kawża;

Quddiem din il-Qorti xehdu ż-żewġ konvenuti fl-udjenza ta' l-20 ta' Jannar, 1998;

F'dik l-istess seduta, Dottor Edwina Chetcuti rrinunzjat għall-eċċezzjoni tagħha tan-nullità tar-rikors ta' l-appell;

M'hemmx dubbju li l-konvenut stess qed jammetti fir-rikors ta' l-appell li hu ġie regolarment innotifikat, għalhekk l-indaġini ta' din il-Qorti għandha tkun limitata għall-aggravju dedott li l-konvenuta ma ġietx innotifikata regolarment. Meta l-konvenuta xehdet quddiem din il-Qorti qalet li l-uffiċjal tal-Qorti li mar biex jinnotifika lill-konvenuti sab lilha u hija uriet l-att lill-żewġha, il-konvenut l-ieħor, u qalet li wara marru għand l-avukat tagħhom. Bdiet imbagħad tesprimi dubbju dwar saritx notifika biss ta' l-avviż tas-smigħ tal-kawża jew taċ-ċitazzjoni ukoll. Il-Qorti tħoss li għandu jiġi rrilevat li jekk il-konvenut stess qed jaċċetta li ġie regolarment innotifikat dan jimplika li ġie nnotifikat kemm bl-avviż tas-smigħ kif ukoll biċ-ċitazzjoni, kif fil-fatt jirriżulta li sar miż-żewġ riferti tal-Purtier tal-Qorti ġà msemmija *a tergo* tal-folji 5 u 6;

Meta xehed il-konvenut qal li l-uffiċjal tal-Qorti nnotifika lilu personalment. Meta ġie mistoqsi ġiex innotifikat b'karta

waħda jew tnejn qal li nesa u qal li nesa ukoll kinux karta jew karti f'envelop. Mistoqsi x'kien il-kontenut qal li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk martu qaltlux x'fiha l-karta rrisponda "Ehe". Mistoqsi jekk martu qaltlux fuq hiex kienet il-kawża rrisponda li kienet qaltlu xi ħaġa. Imbagħax ix-xhud kien evasiv ħafna meta ġie mistoqsi jekk l-avukat fehemx il-kawża fuqhix kienet mill-karta jew karti li bihom ġew innotifikati u kien ugwalment evasiv fuq jekk meta mar għand l-avukat dan ta' l-aħħar kienx qallu li kien mar tard wisq;

Ir-riferta tgħid li saret notifika lil "Carmel Curmi *et*" personalment, iżda l-konvenuta xehdet quddiem din il-Qorti li hija ġiet innotifikata personalment, u li uriet l-att lil żewġha u mbagħad marru għand l-avukat;

Mid-deposizzjoni tal-konvenuti jirriżulta ċar biżżejjed li l-atti ġew f'idejhom it-tnejn u l-konvenuta spjegat lil żewġha dwar il-kontenut, għalhekk, anke hi kienet taf x'kien il-kontenut, anzi tant kienet taf x'kien li spjegatu lil żewġha;

Mir-riluttanza tal-konvenuti li jirrispondu għall-mistoqsijiet dwar jekk l-avukat tagħhom kienx fehem fuqhiex kienet il-kawża mill-karta jew karti li tawh, li ġew lilhom innotifikati, il-Qorti hija sodisfatta li għandha tagħmel affidament fuq ir-riferti li jindikaw li saret ukoll notifika taċ-ċitazzjoni;

Il-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti hija li jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li lill-konvenuta waslulha f'idejha, u anke qrat, l-atti li kellha tiġi nnotifikata bihom u ċjoè, l-avviż tas-smigħ u ċ-ċitazzjoni;

Għalhekk, il-konvenuta ġiet innotifikata regolarment;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma d-digriet appellat. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti;

---